

**Dispożittiv**

- 1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 146, 4.5.2015.

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Settembru 2015 – Pari Pharma vs EMA**

(Kawża T-235/15 R)

*["Proċeduri għal miżuri provviżorji — Access għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti miżmuma mill-EMA fir-rigward ta' informazzjoni mogħtija minn impriża fil-kuntest tal-applikazzjoni tagħha għall-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' prodott mediċinali — Deċiżjoni li terz jingħata l-aċċess għal dokumenti — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Urġenza — Fumus boni juris — Ibbilanċjar tal-interessi"]*

(2015/C 381/50)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Pari Pharma GmbH (Starnberg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Epping u W. Rehmman, avukati)

Konvenuta: Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) (rappreżentanti: T. Jabłoński, N. Rampal Olmedo, A. Rusanov u S. Marino, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Novartis Europharm Ltd (Camberley, ir-Renju Unit) (rappreżentant: C. Schoonderbeek, avukat)

**Suġġett**

Talba essenzjalment intiża sabiex tinkiseb is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni EMA/271043/2015 tal-EMA, tal-24 ta' April 2015, li tagħti lil terz, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331), l-aċċess għal ċerti dokumenti li fihom informazzjoni sottomesa fil-kuntest ta' talba għall-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-prodott mediċinali Vantobra.

**Dispożittiv**

- 1) Hija sospiża l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni EMA/271043/2015 tal-24 ta' April 2015, sa fejn hija tagħti lil terz, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, l-aċċess għar-rapport ta' evalwazzjoni (EMA/CHMP/702525/2014) tax-xebh tal-VANTOBRA mal-Cayston u mat-TOBI Podhaler kif ukoll għar-rapport ta' evalwazzjoni (EMA/CHMP/778270/2014) dwar is-superjorità klinika tal-Vantobra fuq it-TOBI Podhaler.

- 2) L-EMA hija ordnata li ma tiżvelax iż-żewġ rapporti msemmija fil-punt 1.
- 3) It-talba ta' Novartis Europharm Ltd intiża li tikseb l-aċċess għall-proċess sħiħ tal-kawża hija miċħuda.
- 4) L-ispejjeż huma rriżervati.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Settembru 2015 – Alimos Consulting vs BĊE**

(Kawża T-368/15 R)

**(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Politika ekonomika u monetarja — Deċiżjonijiet adottati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE — Provvista ta' assistenza ta' likwidità f'emerġenza għall-banek Griegi — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Ksur tar-rekwiżiti proċedurali — Inammissibbiltà”)**

(2015/C 381/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Alimos Consulting SMPC (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: F. Rodolaki, avukat)

Konvenuta: Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)

**Suġġett**

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet adottati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE, tat-28 ta' Ġunju u tas-6 ta' Lulju 2015, dwar il-livell tal-provvista ta' assistenza ta' likwidità f'emerġenza għall-banek Griegi.

**Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Settembru 2015 – Consorzio Vivaisti viticoli pugliesi u Negro vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-436/15 R)

**(“Miżuri provviżorji — Agrikoltura — Protezzjoni kontra organiżmi li jagħmlu ħsara lill-pjanti — Miżuri li jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni Ewropea tal-Xylella fastidiosa — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Ksur tar-rekwiżiti proċedurali — Inammissibbiltà”)**

(2015/C 381/52)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Consorzio Vivaisti viticoli pugliesi (Otranto, l-Italja) u Negro Daniele (Otranto) (rappreżentanti: V. Pellegrino u A. Micolani, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Bianchi u I. Galindo Martín, aġenti)